**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**SKOLA MEDJA RABAT**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**

**Frar 2017**

**Is-Seba' Sena** **IR-RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem: ______________________ Klassi: __________ Numru tar-reġistru: ______**

Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet.

Aqra' sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Għall-użu tal-għalliema.

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima Ċ | Total |
|---|---|---|---|
| 32 | 26 | 42 | 100 |
| | | | |

**TAQSIMA A** **(32 marka)**

**IL-PELLEGRINAĠĠ**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(5 marki)*

1. Il-vjaġġ li wieħed jagħmel biex jikber fil-fidi tiegħu u jersaq aktar qrib ta' Alla jissejjaħ (avventura, pellegrinaġġ, vaganza).

2. (Ġerusalemm, Ruma, Ġeriko) huwa post qaddis għall-Lhud, għall-Musulmani u għall-Insara.

3. (Mekka, Fatima, il-Vatikan) huwa post ta' pellegrinaġġ għall-Musulmani.

4. Post ta' pellegrinaġġ li jżuru ħafna Nsara huwa (il-Kumpless Al Aqsa, il-Ħajt tal-Punent, il-Grotta ta' Lourdes fi Franza).

5. Bħala post ta' pellegrinaġġ, il-Lhud iżuru (il-Belt tal-Vatikan, il-Ħajt tal-Punent, il-Knisja tal-Qabar Imqaddes).

**Imla l-Vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qegħda tingħata.** *(8 marki)*

6. Il-Madonna dehret lil Luċija, Ġiaċinta u Fransisco ġo **F**____________________ fil-Portugal.
7. Tlett postijiet ta' pellegrinaġġ f'Malta u Għawdex huma:

   a) Is-Santwarju tal-Madonna f'Ta' **P**____________________ Għawdex.

   b) Is-Santwarju tal-Madonna tal-**M** ____________________, Malta.

   c) Il-Grotta ta' San **P** ____________________ ir-Rabat, Malta.

**L-ISTORJA TAS-SALVAZZJONI**

**Wieġeb** *(6 marki)*

1. Semmi **żewġ** affarijiet li għamel Abram biex juri l-fiduċja li kellu f'Alla u li kien iħobbu ħafna.

   (a)________________________________________

   (b)________________________________________

2. Kif sabu ruħhom fl-Eġittu l-familja ta' Ġużeppi?

   ________________________________________

   ________________________________________

3. (a) Min kienu t-tlett slaten ta' Iżrael? (b) Min minnhom kien l-aħjar wieħed?

   (a)________________________________________

   (b)________________________________________

**IL-VJAĠĠ TA' ĠESU'**

**Wieġeb.**

1. Semmi **żewġ** mirakli li għamel Ġesù. *(2 marki)*

   (a)________________________________________

   (b)________________________________________

2. Żakkew ikkonverta wara li ltaqa' ma' Ġesù. Kif biddel ħajtu? *(2 marki)*

   ________________________________________

   ________________________________________

3. Fejn kienu joqogħdu Marta, Marija u Lazzru? *(marka)*

______________________________________________

4. Semmi **żewġ** affarijiet li ngħidu fis-Sliema fejn infaħħru lil Madonna. *(2 marki)*

(a)____________________________________________

(b)____________________________________________

5. Irrakkonta l-miraklu li għamel Ġesù f'post jismu Najn. *(4 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

(a.)X'kien jagħmel Sawl qabel ma sema' l-vuċi ta' Ġesù? (b.) Kif biddel ħajtu?

*(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Taqsima B** **(26 marki)**

**L-GĦID IL-ĦAMSIN**



*'Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.'* (Atti 2 : 1-4).

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

a. Minn liema ktieb tal-Bibbja hija mehuda din-ġrajja ? *(marka)*

(Mill-Ktieb tal-Ġenesi, Mill-Ktieb tal-Eżodu, Mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli).

b. X'għamlu l-Appostli kif irċevew l-Ispirtu s-Santu ?

(Bdew ikantaw, Ħarġu mill-kamra, Baqgħu fil-kamra). *(marka)*

c. Meta ikun hemm għaqda ma' Alla ikun hemm (niket, ġlied, għaqda) fost il-bnedmin. *(marka)*

**L-ISPIRTU S-SANTU F'ĦAJJITNA**

1. Meta kienet l-ewwel darba li rċevejna l-Ispirtu s-Santu ? *(marka)*

______________________________________________

2. Waqt li jagħti s-Sagrament tal-Griżma, l-Isqof jgħid dan il-kliem:
   a. "Ħu l-qawwa ta' Alla"
   b. "Ħu s-siġill tal-Ispirtu s-Santu"
   c. "Irċievi d-doni tal-Ispirtu s-Santu". *(marka)*

3. Il-kelma 'griżma' ġejja mill-Grieg u tfisser (is-sinjal tas-salib, dilka biż-żejt, tixrid tal-ilma). *(marka)*
4. Id-doni tal-Ispirtu s-Santu huma (għaxra, sebgħa, disgħa). *(marka)*

**Wieġeb**

5. It-**tliet simboli** tal-Ispirtu s-Santu huma:

   a. Ir-**r**____________________

   b. Il- **n**____________________ *(3 marki)*

   c. In-**ħ** ___________________

6. F'madwar **40 kelma** ikteb dwar kif San Ġorġ Preca baqa' iħobb lil Alla meta n-nies bdew jiktbu kontrih fil-gazzetti. *(4 marki)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. F'Madwar **40 kelma** Ikteb dwar il-ħajja ta' San Lawrenz. *(4 marki)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Għaliex nammiraw lil Santa Perpetua? *(2 marka)*

9. X'għamlet Irena Sendler biex issalva tfal Lhud? *(2 marki)*

10. Alla qed isejjaħlek biex tkun qaddis. Xi tfisser din is-sejħa għalik? *(2 marki)*

11. Semmi **żewġ** affarijiet li inti tista' tagħmel biex tilħaq il-għan li ssir qaddis. *(2 marki)*

**Taqsima Ċ**

**ĠESU` GĦALLIEM** **42 marki**

**Qabbel kolonna A ma kolonna B billi tikteb in-numri 2 sa 6 fil-kaxxa l-vojta tan-nofs. L-ewwel waħda qed tingħata bħala eżempju.** *(5 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Ta' tnax-il sena | | biex iwassal it-tagħlim. |
| 2 | Ġesú għallimna | | dak li kien jippriedka. |
| 3 | Ġesú miet għalina | | dnubietna. |
| 4 | Ġesú ħafrilna | | għax iħobbna ħafna. |
| 5 | Ġesú uża parabboli | **1** | Ġesú għallem fit-Tempju. |
| 6 | Ġesú kien iwettaq | | nitolbu l-Missierna. |

**Wieġeb.**

7. Spjega kif Ġesú fejjaq lill-mifluġ (a) spiritwalment u (b) fiżikament *(2 marki)*.

8. X'qal Ġesú lil dawk li riedu jħaġġru lil waħda mara adultera? *(2 marki)*.

9. Fil-Missierna, it-talba li għallimna Ġesú, aħna ngħidu "Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina . X'qed jistenna minna, Ġesu'? *(2 marki)*.

_______________________________________________

10. Kompli s-sentenza 'Ġesú qalilna "Ħobbu lil xulxin kif __________________________".
*(marka)*

11. Fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb

*a.* Xi ġralu dak ir-raġel li kien miexi fi triqtu lejn Ġeriko? *(marka)*

_______________________________________________

*b.* Kif ħa ħsiebu s-Samaritan it-Tajjeb? (*marka)*

_______________________________________________

_______________________________________________

c. Min hu l-Proxxmu tagħna? *(marka)*

_______________________________________________

d.Għaliex Ġesú għażel Samaritan f'din il-parabbola? *(3 marki)*

_______________________________________________

_______________________________________________

**DIXXIPLI TA' ĠESU'**

**Wieġeb**

1. Semmi **tlieta** mill-appostli ta' Ġesú. *(3 marki)*

a)_______________________________________________

b)_______________________________________________

c) _______________________________________________

2. Ġesú mar jara l-ħbieb tiegħu, Marta u Marija. Ħin minnhom, Marta qaltlu *"Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss ? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi"*

a. Ġesú x'qal lil Marta? *(2 marki)*

______________________________________________

b. Ġesú x'qal fuq Marija? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

c. Spjega dak li ried jgħallimna Ġesú. (3 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. Meta Xmun Pietru ltaqa' ma' Ġesú l-ewwel darba, Ġesu għamel miraklu.

a. X'kien dan il-miraklu? *(marka)*

______________________________________________

*b.* Għaliex Ġesú semma lil dan l-appostlu 'Pietru'? *(marka)*.

______________________________________________

4. Iqbal Masih kien dixxiplu ta' Ġesú.

   a. Kif sab ruħu skjav, Iqbal Masih, meta kellu biss erba' snin? *(2 marki)*

   ______________________________________________________________

   b. Meta kellu għaxar snin attenda laqgħa. Xi skopra waqt din il-laqgħa?

   *(2 marki)*

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

   c. X'għamel Iqbal meta nħeles? *(2 marki)*

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

5. Agħti żewġ raġunijiet għaliex Ġesu' huwa l-aqwa għalliem. *(2 marki)*

   (a)____________________________________________________________

   (b) ___________________________________________________________

6. Fejn iwassallna Ġesú jekk nimxu warajh. *(2 marki)*

   ______________________________________________________________

7. Agħti **żewġ** eżempji biex turi kif inti tista' timxi wara Ġesú. *(2 marki)*

   (a)____________________________________________________________

   (b)____________________________________________________________

TMIEM IL-KARTA